**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 31 - L-ERBGĦA 25 TA' AWWISSU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (wasal fis-17:55) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier (wasal fis-18:00) |
| Assenti b'apoloġija: | Dr Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipal |

**NUQQAS TA' QUORUM**

Fil-ħin stabbilit tal-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, il-Kunsillieri Brincat, Cuomo u Mark Anthony Deguara.

Minħabba li ma kienx hemm quorum il-laqgħa kellha tistenna għal aktar attendenza. Dan il-ħin wasal il-Kunsillier Spiteri u wara l-Kunsillier Gaffiero. Il-Laqgħa bdiet fis-18:00.

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Gatt u l-Kunsillier Abela li taw ir-raġuni tagħhom għalfejn ma setawx jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti (seduta numru 30) li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju 2021.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondat mill-Kunsillier Cuomo.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fit-23 ta' Lulju ntbgħatet imejl lil Kunsillieri fejn hemm opportunità ta' fondi minn naħa tal-ERA sabiex ikun hawn iżjed tħaddir f'Malta. L-applikazzjonijiet jagħlqu fl-aħħar ta' Settembru.Hemm kumpaniji li qed javviċinaw lil Kunsill sabiex joffru s-servizz tagħhom u għalhekk se ssir laqgħa magħhom sabiex il-Kunsill jara x'jista' jibbenifika minnhom. Hi infurmat li se tinfurmahom bis-suġġerimenti li se jirċievu u talbithom sabiex jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom biex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi.

3.3 Fis-6 ta' Awwissu saret laqgħa straordinarja tal-finanzi dwar il-kuntratt tal-'*Finishing Works on tal-Għaqba Windmill*'. Is-Sindku infurmat li l-kopja tal-minuti tinstab flimkien mad-dokumenti l-oħra.

3.4 Fl-10 ta' Awwissu s-Sindku infurmat li l-AKL varaw il-proġett *Slow Streets*. Il-Kunsill kien applika taħt minn skema mid-DLG għall-mobiltà biex dan il-proġett ikun jista' jinbeda. L-applikazzjoni ġiet milquha u se jibbenefika mis-somma ta' €15,000. Għall-implimentazzjoni qed nistennew direzzjoni mill-AKL.

3.5 Dak inhar stess il-25 ta' Awwissu saret laqgħa mal-Ministru Josè Herrera. Preżenti mas-Sindku kien hemm is-SE u l-Kunsillieri Brincat, Cuomo, Deguara u Spiteri. Il-Ministru esprima li qed jifhem il-preokkupazzjoni tal-Kunsill.

3.5.1 Is-Sindku infurmat li ġie spjegat il-problemi kollha li l-Kunsill qed jaffaċja u mhux qed ikun hemm għajnuna mill-Gvern sabiex din il-problema tissolva.

3.5.2 Waqt il-laqgħa ġie diskuss li in-Naxxar diġà għandu *caravan site.* Il-Ministru insista li għandu jkun hemm *policy* nazzjonali. Il-Kunsill jixtieq li sakemm ikun hemm din il-*policy*, in-Naxxar m'għandux ikun diskriminat għaliex sadanittant hemm tliet lokalitajiet oħra (tnejn f'Malta u oħra f'Għawdex) li qed jibbenifikaw minn *bye law* simili. L-iskop tal-Kunsill huwa li jiġu approvati siti adekwati, fejn il-*caravans* ikunu jistgħu jitpoġġew b'mod ordnat u jiġu mmaniġjati mill-Kunsill. B'hekk il-Kunsill ikun qed jgħati spazju għan-nies. Fil-preżent qed ikun hemm persuni li jpoġġu l-*caravans* u jikkapparaw l-art għax-xhur kollha tas-Sajf. Is-Sindku fakkret lill-Ministru li l-bye law ma titkellimx biss fuq caravans imma fuq attivitajiet fil-beraħ, inkluż BBQ's.

3.5.3 Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta għal mistoqsijiet li kien għamel lil Ministru fis-6 ta' Awwissu iżda sal-lum il-Kunsill għadu bla risposta. Il-Ministru fakkar li l-Kunsill għandu dritt jikkontesta id-deċiżjoni bil-qorti u infatti l-Kunsill diġà ħa parir legali li ġie konfermat li l-Kunsill għandu bażi soda biex jiftaħ kawża kontra l-Gvern.

3.5.4 Is-Sindku infurmat lil Kunsillieri li din il-kawża tista' tlaħħaq mas-€7,000 u aktar, però l-Kunsill jemmen li din il-kawża hija ġusta u

li bħala Kunsill irid li jiġġieled għaliha bid-dritt għal-lokalità u għar-residenti. Il-Kunsill qabel.

3.6 Is-Sindku infurmat lil Kunsillieri rigward is-sitwazzjoni tal-Outdoor Gym. Hi spjegat li bħalissa hemm il-kuntratt għall-fondi ffinalizzat minn naħa tal-PA. Il-PA infurmaw lil Kunsill li se jibgħatu tliet kopji tal-kuntratt għall-firma u wara l-Kunsill jgħaddi d-dokumenti lilhom sabiex jiġu ffirmati minn naħa tagħhom. Se jintbgħat ukoll parti mill-ħlas bil-quddiem mill-PA lill-Kunsill. Qabel ma jsir l-iffirmar minn naħa tagħhom il-Kunsill ma jistax jibda bix-xogħlijiet. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill għamel kull tentattiv sabiex jiqsar il-proċess biex jibda x-xogħol.

3.7 Is-Sindku infurmat li fil-5 ta' Settembru se ssir l-attività annwali tal-Malta Community Chest Fund. Din is-sena se ssir fiċ-Ċentru Laburista Naxxar.

3.8 Il-Każini avviċinaw lil Kunsill sabiex il-Kunsill jorganizza attività (aktar fin-numru 11 isfel).

3.9 Is-Sindku infurmat li s-SE kien bagħat kommunikazzjoni fuq proġett Ewropew Peace. Is-SE reġa kkomunika mal-organizzaturi però sal-lum il-Kunsill għadu bla risposta. Għalhekk jidher li l-Kunsill mhux se jkun involut f'dan il-proġett.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Il-Kunsillier Spiteri staqsa lis-SE dwar tindif tal-bankini u taħt il-bankini fit-Triq tal-Labour. Il-mistoqsija u t-tweġiba tal-Kunsillier Spiteri jinsabu annessi f'A.

4.2 Il-Kunsillier Spiteri stqarr li għamel din il-mistoqsija biex il-pubbliku jkun aktar infurmat. Saħaq li però id-Dipartiment tal-Indafa għandu bżonn iżid ir-riżorsi fuq din it-triq.

4.3 Is-Sindku ipproponiet li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari u d-Dipartiment tal-Indafa biex il-Kunsill jiddiskuti din it-Triq u anki ż-żona tat-tradefair.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/31) anness f'appendiċi B.

5.1.2 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi Ċ.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi D.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi E.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

**6. MINUTI TAL-KUMMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret l-Erbgħa 18 ta' Awwissu.

6.2 Il-Kunsillier Spiteri talab li dawn il-minuti jinqraw minħabba li kien għadu ma qrahomx. Is-SE bagħat id-dokumenti kollha ħamest ijiem qabel il-laqgħa.

6.3 Il-Kunsillier Spiteri ma qabilx ma punt numru 1 dwar xogħol fuq il-latrina. Is-SE informa li għal issa se jiltaqgħu mal-CEO tal-Awtorita tal-Artijiet qabel ma tittieħed deċizjoni.

6.4 Dwar punt numru 8 il-Kunsillier Gaffiero ssuġerixxa li ssir attività għal żmien il-Festa tal-Vittorja.

6.5 Il-Kunsill approva dan ir-rapport fuq proponiment tas-Sindku sekondata mill-Kunsillier Brincat (anness f'appendiċi F).

**7. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti/rapport tal-laqgħa tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti li saret l-Erbgħa 18 ta' Awwissu 2021.

7.2 Il-Kunsill approva l-minuti/rapport (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat (anness f'appendiċi Ġ).

8. **RAPPORT FINANZJARJU TAT-TIENI KWART TAS-SENA**

8.1 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju (anness f'appendiċi Ħ).

8.2 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem con)* fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**9. L-ITTRA TA' DIREZZJONI TAL-AWDITURI**

9.1 Is-SE ippreżenta l-ittra kif ukoll ir-rapport mill-awdituri u spjega r-rapport u l-ittra fid-dettal (annessi I).

9.2 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem con*).

**10. POSITION PAPER DWAR APPLIKAZZJONIJIET GĦAL IMWEJJED U SIĠĠIJIET FIN-NAXXAR**

10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-Kunsill qed jikkonsidra li ssir *policy.* Hi infurmat li min ikun irid iressaq suġġerimenti jista' jagħmel dan. Hi infurmat li l-*policy* tkun waħda u tkun tapplika għal kulħadd u tkun il-pożizzjoni tal-Kunsill fuq applikazzjonijiet futuri.

10.2 Il-Kunsillier Spiteri ssuġerixxa li l-ispazju attwali li jkun hemm ġewwa jkun jirrifletti dak li hemm barra. Spjega wkoll li meta ħanut ma jkunx qed jiftaħ iżjed l-art li tkun qed tinkera tiġi b'mod naturali għall-pubbliku. B'tali mod li jkun hemm aċċess għaliha.

10.3 Ġie suġerit li l-kummenti min-naħa tal-Kunsillieri għandhom jgħaddu sal-15 ta' Settembru biex b'hekk tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill.

10.4 Wara l-laqgħa se tintbgħat ittra bħala *public consultation* lill-pubbliku biex huma wkoll ikunu jistgħu jgħatu s-suġġerimenti tagħhom.

## 11. KOLLABORAZZJONI FL-ATTIVITAJIET TAL-FESTA

11.1 Is-Sindku infurmat lil Kunsillieri li l-każini avviċinaw lill-Kunsill sabiex fis-7 ta' Settembru tiġi organizzata attività.

11.2 Din l-attività ġiet kanċellata minħabba li dak in-nhar se ssir quddiesa.

## 12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-29 ta' Settembru 2021 fis-17:45.

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:00.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

# ANNEX A

**Il-Kunsillier Joseph Spiteri jistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv:**

Tista' għal-laqgħa tal-Kunsill tagħti aktar tagħrif fuq l-isforzi li qiegħda tagħmel l-amministrazzjoni tal-Kunsill biex:-

1. jinżabru s-siġar ta' Labour Avenue?
2. jinkinsu ta' kuljum il-bankini u l-parti ta' taħt il-Bankini ta' Labour Avenue?
3. li minn żmien għal żmien jinħaslu b'apparat ta' "Power Wash", etc. dawn il-bankini u l-parti ta' taħt il-bankini ta' Labour Avenue?

**Is-Segretarju Eżekuttiv iwieġeb:**

Ninforma lill-Kunsillier Spiteri li dwar is-siġar l-amministrazzjoni tfakkar regolarment lill-ELC minħabba li t-triq taqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali. Dawn jitfakkru wkoll fi żmien tajjeb sew qabel il-Festa tal-Vitorja kull sena bit-tama li jkunu lesti qabel isir l-armar tal-festa. Sfortunatament, minkejja l-kuntatti magħhom, dawn dejjem ikunu aktar tard milli mixtieq u mistenni.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet mistoqsijiet, li jistgħu jingħaqdu flimkien, is-Sindku u huwa għandhom komunikazzjoni diretta permezz ta' whatsapp group mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Indafa u anki mas-Segretarju Parlamentari responsabbli l-Onor. Deo Debattista u jista' jikkonferma li kemm huwa u s-Sindku b'mod partikulari b'mod persistenti, jitressqulhom talbiet biex isir it-tindif regolari. Infatti l-aħħar tindif u ħasil sar wara dawn il-kuntatti u saħansitra ressaqt jiena personalment l-ilment dwar il-kwalità ta' waħda mill-aħħar ħasla li tressqet mill-Kunsillier Spiteri nnifsu. Talab ukoll li jinfurmawna qabel ma jsir it-tindif ħalli nkunu nistgħu niċċekkjaw ix-xogħol.

Is-Sindku żiedet li mhux biss b'whatsapp iżda anki permezz tal-emails isiru kuntatti.